# AVVIŻI

1. Il-laqgħat ta' talb li jmiss ser isiru kif ġej:
   Il-Ħadd 7 ta' Jannar 2001 fit-3.00 p.m.
   Il-Ħadd 21 ta' Jannar 2001 fit-3.00 p.m.
   Il-Ħadd 4 ta' Frar 2001 fit-3.30 p.m.
   Il-Ħadd 18 ta' Frar 2001 fit-3.30 p.m.
   Il-Ħadd 4 ta' Marzu 2001 fl-4.00 p.m.
   Il-Ħadd 18 ta' Marzu 2001 fl-4.00 p.m.
   Il-Ħadd 1 ta' April 2001 fil-5.30 p.m.
   Il-Ħadd 15 ta' April 2001 fil-5.30 p.m.

   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għal Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, is-Siġġiewi.

4. Min hu interessat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-sena ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Il-Moviment għandu l-*website* tiegħu fuq l-*internet*. L-indirizz huwa: http://www.elanguest.com/girgenti/

6. Fl-aħħarnett navżawkom li l-Kumitat qiegħed jibgħat avviżi dwar il-laqgħat li jsiru l-Girgenti lill-gazzetti lokali kollha, kemm dawk ippubblikati bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 45 JANNAR 2001 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Bambin milli hemm fid-dar ta' Ġuża Mifsud.***

***Il-Kumitat tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal ix-xewqat tajba tiegħu għas-sena 2001 lill-membri kollha tal-Moviment u lill-qarrejja kollha ta' dan il-fuljett. J'Alla l-paċi tal-Mulej issaltan fuq il-popli kollha tad-dinja!***

# IL-MASSAKRU TA' L-INNOĊENTI

Għadna kemm iċċelebrajna l-festa tal-Milied, it-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu li ġie fid-dinja biex isalvana u biex iġib il-paċi fid-dinja. Bla dubju ta' xejn il-Milied huwa okkażjoni ta' ferħ, iżda ma ninsewx li daqs kemm it-twelid ta' tarbija jfisser ferħ, daqstant ieħor il-qtil ta' tant trabi innoċenti permezz ta' l-abort iġorr miegħu dieqa u kundanna l-aktar ħarxa.

Skond Ġuża Mifsud, fil-lejl tal-31 ta' Jannar 1987, il-Madonna qaltilha hekk: "Jaħasra, jaħasra kemm hawn tfal li mhux talli ma jgħallmuhomx l-edukazzjoni talli jisgħobbini, jiddispjaċini, Binti, li llum ħa nasal fuqek b'dan id-diskors, li ħafna ommijiet ineħħu minn ħdanhom lil dawn it-tfal għax ma jkunux iriduhom."

Imbagħad qaltli xi ħaġa oħra, qaltli: "Inti issa m'intix ħa tarani, ħa tara viżjoni li ħa tnikktek u ħa tbikkik." Kif is-Sinjura tal-Ħajja jiena ma bqajtx nisma' u nara l-viżjoni sabiħa tagħha, jiena rajt dawn l-affarijiet isiru taħt għajnejja, ħafna ommijiet qegħdin jeqirdu t-tfal li t-tnissil tagħhom tahulhom il-Mulej. Ma stajtx nirrikonoxxi dawk il-qtajja' ta' tfal x'inhuma. F'dik il-viżjoni jiena rajt qtajja kbira ta' tfal u tfal m'għandhomx aktar minn xahrejn, jew xahar u nofs jew tliet xhur, mhux żmien f'din id-dinja, imma fi ħdan ommhom.

Il-Madonna qaltli: "Għid lil pajjiżek, għax disgrazzjatament anka f'pajjiżek hemm din il-pjaga, qed isir dan l-abort fuq dawn it-tfal innoċenti. Fid-dinja kollha hemm tfal qegħdin jinqerdu ta' din l-età, u ta' xahrejn, ta' xahar u nofs fi ħdan ommhom, jagħtuhom il-mewt jew b'ħaġa jew b'oħra. Ħa nurik f'din il-viżjoni qabda tfal jiggranfaw ma' xulxin li jridu jsalvaw irwieħhom imma m'hemmx min jiddefendihom. Iddefendihom inti bil-kelma." Kemm bkiet il-Madonna fuq din il-biċċa xogħol!

Qaltli: "Minnhom dawk l-erwieħ setgħu saru ħafna qaddisin … Wassluh anka lill-Papa dan il-messaġġ, wassluh lid-dinja." Jiena bdejt nibki f'dawk il-qabda qisni rajthom frieħ tal-qtates quddiem għajnejja, ma stajtx nirrikonoxxi x'inhuma imma mbagħad bdejt nagħraf l-uċuħ li huma uċuħ ta' anġli żgħar, għadhom kemm il-Mulej bagħthom fid-dinja biex ommhom tagħtihom il-ħajja u dawn flok il-ħajja tathom il-mewt. F'din il-viżjoni li rajt, jiena rajt bħal qabda ramel f'qiegħ ta' baħar illi dan ir-ramel kienu dawn it-tfal innoċenti, illi ta' ftit żmien, minn xahar u nofs sa xahrejn jew ftit inqas jew ftit iżjed qegħdin jiggranfaw ma' dawk ir-ramel, dawk l-idejn żgħar, daqs tal-qtates, dawk l-uċuħ, wiċċ ta' l-anġli li ma tistax tirrikonoxxi x'inhuma. Jiena bkejt u bkejt tassew, bqajt impressjonata sas-sitta ta' filgħodu."



F'messaġġ ieħor Ġuża qalet, "Binti, semmiha ħafna din il-biċċa tax-xogħol illi qegħda ssir ma' kullimkien, anka fl-art żgħira tagħkom, jaħasra ħafna tfal innoċenti li l-Mulej ikun ħa jibgħat lill-ġenituri tagħhom, dawna jinqatlu fi żmien ġranet, ġimgħat jew ftit xhur. Binti, dan l-abort, il-Mulej tant qed jisgħobbih minħabba dan il-qtil ta' ħafna tfal innoċenti. Ishaq u għidilhom li l-Mulej ma jridux l-abort. Il-Mulej ma jridux dan il-qtil bl-addoċċ ta' nies innoċenti kif qed isir f'ħafna postijiet."

Imbagħad f'Jannar 1996 Ġuża qalet, "jiena naf li l-abort ta' kuljum isir; aħna żgħar f'Malta u jsir ftit, imma barra minn Malta qed isiru ħafna abbużi minn dawn l-affarijiet, eluf ta' tfal illi jiġu maqtulin bl-abort.

U jiena kif rajt xi ħaġa ilu, f'ċertu ħin minn tal-lejl, dawn it-tfal tant jiddispjaċih għalihom il-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti flimkien ma' Ġesù ta' l-Ewkristija u l-Madonna, għaliex dawn it-tfal jiġu mneħħija bħal annimali, bħal annmali jiġu mqattgħin, jaħasra. Dawn huma nies bħalna, bnedmin bħalna għada pitgħada. Nitolbuh lil Alla għaliex qegħdin f'sitwazzjoni kerha ħafna li d-dinja nieżla biċċa biċċa.

Il-pjaga ta' l-abort issemmiet ukoll f'Lulju 1995 meta Ġuża kienet qed titkellem dwar iċ-Ċina. Hija qalet, "Barra minnhekk kelli nkun naf ukoll f'dan illejl illi eluf kbar ta' nies kellhom ineħħu ħafna erwieħ innoċenti illi għadhom ma jafux dan il-kalvarju tad-dinja. Imsieken gew imneħħijin bħal meta ġara dak il-qtil ta' l-innoċenti, meta Erodi kkmanda li jisirqu t-tfal minn ġo idejn l-ommijiet biex jiġu maqtula. Imma minn żmien Erodi sallum kemm innoċenti marru bl-abort, mingħalihom li ma jaf bihom ħadd! Dawn kollha magħdudin quddiem il-kbir Alla. Il-kbir Alla jaf bihom, jaf min kienet ommhom u min kien missierhom, jaf min neħħihom mid-dinja fiż-żmien li għadda, fiż-żmien li għaddej bħalissa."

Nagħlaq b'silta mill-messaġġ li tat Ġuża fi Frar 1987. Hija qalet hekk, "Il-Madonna tant għandha qalbha kbira għal ulied il-bniedem li hawn fid-dinja li trid issalva lil kulħadd, li jonqos huwa minna. Il-Madonna lil kulħadd trid tibgħat f'dak il-post ippredestinat tal-Ġenna. Ġesù ma ħax il-passjoni għalija u għal dik u għall-ieħor u għall-oħra, ma ħax il-passjoni għall-Papa, għall-Isqof, ma ħax il-passjoni għas-saċerdoti u għas-sorijiet u għar-relijużi; Ġesù ħa l-passjoni għal kulħadd. Kulħadd kien fil-menti ta' Ġesù dak il-ħin, anka jiena li ġejt elfejn sena warajh, Ġesù kont f'moħħu jiena li ġejja fid-dinja u għalhekk il-Madonna jisgħobbiha għal dawk it-tfal li qegħdin jinqerdu bl-abort, għax forsi minnhom kien hemm ħafna erwieħ li ħa jagħmlu l-ġid fid-dinja, imsieken. Ħafna nies qegħdin jabbużaw minn dan il-kmandament li ma nistgħux noqtlu la lilna nfusna u lanqas lil għajrna. Lanqas lil għajrna ma nistgħu noqtlu, ma għandna l-ebda dritt illi jkollna xi pussess fuq il-ħajja ta' għajrna …"

# L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Il-Laqgħa tal-Ħadd 17 ta' Settembru 2000 fil-Girgenti kienet differenti minn tas-soltu għaliex matulha saret l-Assemblea Ġenerali li tiltaqa' kull tliet snin.

Wara r-reċita tar-rużarju inqraw il-minuti ta' l-aħħar Assemblea Ġenerali li saret fl-1997, liema minuti ġew approvati minn dawk preżenti. Imbagħad il-President tal-Kumitat, il-Perit Philip Azzopardi, qara r-rapport amministrattiv li fih ta dettalji dwar il-ħidma tal-Kumitat li saret fis-snin 1997 sa 2000. Wara kien imiss lis-Sur Vincent Cassar, il-Kaxxier tal-Kumitat, li qara r-rapport finanzjarju għall-istess perjodu.

Imbagħad il-Kumitat ġie xolt. Mons. Buontempo informa lill-ġemgħa li ma kienx meħtieġ li ssir elezzjoni peress li kienu tefgħu in-nomina tagħhom għaxar persuni u l-Kumitat huwa kompost mill-istess numru ta' membri. Meta ssejħu dawn l-għaxar persuni, huma kienu milqugħa bl-applaws ta' approvazzjoni minn dawk preżenti. Dawn kienu l-Perit Philip Azzopardi, Vincent Cassar, Gladys Campbell, Charles Catania, Carmen Garzia, Alfred Micallef, Rose Piccinino, Bro. Victor Pivitera u Dr. Sylvana Spiteri.

Dan il-Kumitat sejjaħ l-ewwel laqgħa tiegħu nhar l-Erbgħa 20 ta' Settembru 2000 fid-dar ta' Ġuża Mifsud f'16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi. Fil-bidu tal-laqgħa Philip Azzopardi, Sylvana Spiteri u Vincent Cassar ġew rikonfermati bħala President, Segretarja u Kaxxier rispettivament. Saret ukoll il-*co-option* ta' Doris Catania bħala l-ħdax-il membru tal-Kumitat.

Il-Kumitat jirringrazzja lil dawk kollha li wrew il-fiduċja tagħhom fih u anka jixtieq jirringrazzja lis-Sinjura Mary Rose Bonnici u lis-Sur Albert Azzopardi għal ħidma tagħhom fi ħdan il-Kumitati ta' qabel.

# IT-28 TA' OTTUBRU 2000

Kif kien imħabbar, dak inhar kien jaħbat ir-raba' anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Kienu ħafna dawk li attendew għall-quddiesa li tqaddset għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi. Il-quddiesa tqaddset minn Dun Danjel Schembri li kien għamlilha l-Griżma tal-morda ftit qabel ma mietet, u kien megħjun minn Mons. A. Buontempo u Fr. John Scerri S.J.

Bosta ukoll kienu dawk li żaru d-dar fejn kienet toqgħod Ġuża. Diversi membri tal-Kumitat taw spjegazzjoni ta' diversi oġġetti li hemm imferrxa mad-dar filwaqt li rrakkontaw diversi episodji mill-ħajja ta' Ġuża Mifsud u l-messaġġi li kienet tgħid li tirċievi mis-sema. Sar ukoll ħafna talb kemm għal dawk preżenti kif ukoll għal proxxmu kollu.



# ĠRAJJIET IL-GIRGENTI

Dan kien l-isem ta' sensiela ta' programmi li nstemgħu fuq Radju Marija kull nhar ta' Ħadd fil-11.00 a.m. Matul dawn il-programmi ġew trattati diversi temi li għandhom x'jaqsmu mal-Girgenti fosthom il-ħajja ta' Ġuża Mifsud, x'wassal għat-titoli Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti, l-Ewkaristija, il-passjoni ta' Kristu u l-missjoni internazzjonali ta' Ġuża.

Matul din is-sensiela nqraw ukoll diversi grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Ma kienx jonqos talb ta' tifħir lil Alla u lis-sema kollha u t-talba tal-Konsagrazzjoni.

# KATINA TA' RUŻARJU

Nhar id-29 ta' Settembru 2000 ġiet organizzata katina ta' rużarju fil-Girgenti. Ir-rużarju beda jingħad mit-8.00 a.m. u baqa' sejjer sat-8.00 p.m. Ġew organizzati *privates* minn diversi nħawi ta' Malta u l-attendenza kienet waħda sabiħa ħafna. Grazzi kbira lil dawk kollha li organizzaw u taw sehemhom sabiex din l-attività tkun suċċess.

# NITOLBU ...

Dan it-talb kien spiss jitlissen minn Ġuża Mifsud waqt il-laqgħat tal-Girgenti:

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti, ixħet il-ħarsa tiegħek fuqna, twarrabx idejk minna u żommna dejjem u tajjeb marbutin mal-volontà mqaddsa tiegħek. U inti Omm tal-ħniena, Madonna tal-Konsagrazzjoni, tħallina qatt illi naqbdu t-triq il-ħażina, imma dejjem għinna, użana u agħtina l-konsolazzjoni.

Alla tiegħi, jiena nemmen fik, jiena nadurak, jiena nittama fik, jiena nħobbok. Nitolbok il-maħfra tiegħek għal dawk li ma jemmnux fik, ma jadurawkx, ma jittamawx fik u ma jħobbukx.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

# GRAZZJI MAQLUGHA

**— Rapport ta' F. Portelli mill-Marsa:**

Xi ftit tas-snin ilu, it-tifel tiegħi Charlie li llum joqgħod Ħaż-Żebbuġ, ċempel id-dar tagħna u qalilna li kien qed ibati minn uġigħ kbir. Hu qal li t-tabib kien qallu li kien uġigħ tal-ġebla u poġġieh fuq dieta. Ommu qaltli biex niddubbalu xi ftit *xkatta pietra*. Hekk għamilt u tgħidx kemm staqsejt nies. Iżda ħadd ma qdieni l-għaliex qaluli li għandi noqgħod attent minn għand min noħodha għax mhux kulħadd jagħrafha. Sadanittant it-tifel baqa' muġugħ.

Iddeċidejt li niġi sal-Girgenti u nkellem lil Ġuża. Hekk għamilt, wasalt hawn, sibt lil waħda mara u staqsejtha għal Ġuża. Din qaltli li ma kinitx il-ġurnata li tara n-nies. Jien insistejt magħha li ridt nara lil Ġuża u minn hawn u minn hemm irnexxieli nkellimha. Għidtilha l-istorja u hi qaltli: "Jiena ma nista' nagħmillek xejn ħlief li nitlob lill-Madonna biex tgħinek u tipprovdilek xi ftit *xkatta pietra*." Tlabna ftit flimkien u tlaqt.

Lanqas ilħaqt imxejt ftit passi li ma ltqajtx ma' bidwi li kien jaħdem miegħi. Qalli, "Dan x'ġabek lil hawn?" Jien għedtlu bl-istorja. Hu beda jidħaq u qalli, "Mela int għadek temmen b'dawn il-ħmerijiet, issa nagħtik ftit jien." Hekk għamel, ġabli ftit u ltaqa' miegħi ħdejn l-għassa tal-Hamrun u taħieli.

Meta wasalt id-dar mort ferħan ngħid lill-marti. Iżda din laqgħatni billi qaltli li kien ġie wieħed li kont kellimt qabel u li hu wkoll kien ġab ftit minn din il-pjanta.

Forsi tista' tkun kumbinazzjoni. Iżda jien biss naf kemm ġrejt u staqsejt nies. Naf ngħid li kien biss wara li tlabt lill-Madonna flimkien ma' Ġuża li jien sibt *xkatta pietra* aktar milli ridt.

**— J. Micallef kiteb nota qasira:** Madonna nirringrazzjak minn qalbi tal-grazzja li qlajtli.

**— N.N. kiteb hekk:** Jiena nixtieq nirringrazzja ħafna lil Alla tal-grazzja kbira li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. It-tifel tiegħi kien weġġa' siequ u dan ma ridtx imur l-isptar. Hu qiegħed Kordin u jiena naf kemm kont ninkwieta fuqu. Kont nitlob lill-Ġuża għalih għax dam aktar minn tliet snin ibati biha u kien jimxi bil-krozzi. Mela darba minnhom mort narah u rajtu bla krozzi. Hu qalli li siequ kienet fieqet waħedha mingħajr ebda kura.

**— T. Attard minn Birkirkara kiteb hekk:** Nixtieq ħafna nirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud. Jiena kelli xi laħam ħażin f'imnieħri. Kont ser nagħmel opeazzjoni. Tlabt ħafna lil Ġuża u lill-Madonna u jiena fiqt u l-operazzjoni ma għamiltha xejn.



Darba oħra kont għaddej mit-triq u kien hemm raġel qiegħed ibexx is-siġar. Dan laqatni bil-bexx u anka daħalli f'għajnejja. Mort l-isptar u t-tabiba qaltli li ma għandi xejn gravi. Jiena iżda bdejt nara dalma f'għajnejja u bdejt nibża' li ser nagħma. Tlabt ħafna, ħafna u jiena fiqt minn għajnejja wkoll. Grazzi ħafna.

**— Grazzja mibgħuta minn Nina Grixti mill-Kanada.**

Mariola kienet żelqet fuq is-silġ u kisret il-qażba ta' sieqha u taħt irkobbtejha fuq in-naħa ta' barra. Għamlulha riġlejha fil-ġibs u, għal bidu, it-tabib qalilha biex ma tantx iċċaqlaq riġlejha għax kull darba li tmur l-isptar għal *X-Ray* jgħdilha li mhix taqgħad.

Wara erba' xhur it-tabib qalilha biex timxi ftit fuqha forsi bil-piż iżżomm, imma kien kollox għal xejn. Għalhekk it-tabib qalilha li ser ikollu jgħamlilha *bone craft*, jiġifieri joħdulha għadma minn ġembejha u jqegħduha f'riġlejha. Mariola ma haditx gost bl-aħbar, bdiet tibża'. Wara ħames xhur u nofs it-tabib qalilha li x-xahar ta' wara kien ser jagħmel l-operazzjoni.

Jien għedtilha li qegħda nitlob lill-Madonna għaliha u li anka z-zija Rita f'Malta ukoll qed titlob għaliha. Fis-17 ta' Awissu marret l-isptar u kif it-tabib beda jneħħilha l-ġibs qabdet tibki għax ħasbet li t-tabib kien se jagħtiha aħbar kerha, iżda minflok meta ħadulha l-*X-Ray* qalilha li riġlejha għaqditilha u ma għandhiex bżonn ta' operazzjoni. Meta cemplitli u qaltli bir-riżultat għedtilha li t-talb tal-Madonna wasal.

**— Rapport ta' Rita Spiteri minn Raħal Ġdid.**

It-tifel tiegħi David u l-mara tiegħu Nathalie kellhom it-tieni tarbija tagħhom Daniel. Mit-twelid dan kellu għajnejh tax-xellug dejjem iddemma' għax il-kanal ta' għajnejh kien miżdud. Marru għand it-tabib li ordnalhom il-*cream* u qalilhom biex jistennew sa sena għax jista' jinfetaħ waħdu. Ta' sena u tliet xhur baqa' ma nfetaħlux u ħadnieh għand speċjalista ta' l-għajnejn. Dan qalilhom li jrid joperah. Wara għamlu appuntament l-isptar. Meta l-omm marret l-*outpatient*, lit-tifel sabulu *infection* f'għajnejh u lil omm bagħtuha dirett fis-sala ta' l-għajnejn biex jagħmlulu appuntament għal operazzjoni malajr kemm jista' jkun.

Meta ġew jgħiduli li lit-tifel ħa joperawh, jien ħassejt li l-operazzjoni mhix ħa ssir għax għandi fidi kbira fil-Madonna tal-Girgenti. Minn dak il-ħin stess qbadt lit-tifel u bdejt inxarrablu għajnejh bl-ilma tal-Madonna. Bdejt nitlob għalih. Komplejt nagħmel l-ilma fuq ir-ritratt tat-tifel għax ma kontx narah kuljum peress li joqgħod Birżebbuġa. Wara ħadt ir-ritratt tat-tifel il-Girgenti u għamiltu f'riġlejn il-Madonna. It-tifel beda ġej għall-aħjar. Meta waslet il-ġurnata li riedu joperawh, qalulhom li t-tifel ma kellux bżonn operazzjoni għax il-kanal ta' għajnejh kien infetaħlu.

Grazzi lill-Madonna tal-Girgenti u lir-ruħ ta' Ġuża Mifsud tal-grazzja li qlajna għaliex jiena lilhom kont nitlob.